

5. L-Artikolu 3(4)(b) tad-Direttiva 2000/31/KE jobbliġa lill-Istati Membri jikkomunikaw lill-Kummissjoni miżuri li jimponu fuq il-fornituri ta' servizzi ta' intermedjazzjoni online u ta' magni tat-tifxix online obbligu ta' reġistrazzjoni f'reġistru, li jinvolvi t-trażmissjoni ta' informazzjoni importanti dwar l-organizzazzjoni tagħhom u l-ħlas ta' kontribuzzjoni finanzjarja, kif ukoll l-applikazzjoni ta' sanzjonijiet fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza? Fil-każ ta' risposta affermattiva, id-direttiva tippermetti lil individwu jopponi l-applikazzjoni fil-konfront tiegħu ta' miżuri mhux ikkomunikati lill-Kummissjoni?

(<sup>1</sup>) ĠU 2019, L 186, p. 57.

(<sup>2</sup>) ĠU 2015, L 241, p. 1.

(<sup>3</sup>) ĠU 2000, L 178, p. 1.

(<sup>4</sup>) ĠU 2006, L 376, p. 36.

**Talba għal-deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio  
(l-Italja) fid-19 ta' Ottubru 2022 – Expedia Inc. vs Autorità per le Garanzie nelle Comunicazioni**

**(Kawża C-663/22)**

(2023/C 63/19)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Expedia Inc.

Konvenut: Autorità per le Garanzie nelle Comunicazioni

**Domandi preliminari**

- Ir-Regolament (UE) 2019/1150 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-promozzjoni tal-korrettezza u tat-trasparenza għall-utenti kummerċjali tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online (<sup>1</sup>) u, b'mod partikolari, l-Artikolu 15 tiegħu, kif ukoll il-prinċipju ta' proporzjonalità, jipprekludu leġiżlazzjoni ta' Stat Membru jew miżura adottata minn awtorità nazzjonali indipendenti – bħal dawk imsemmija fil-parti ddedikata għall-motivi – li toħbiġa lill-fornituri ta' servizzi ta' intermedjazzjoni online stabbiliti barra mill-pajjiż jippreżentaw dikjarazzjoni li jkun fiha informazzjoni mhux relatata mal-għanijiet tar-regolament?
- Fi kwalunkwe każ, l-informazzjoni mitluba permezz tat-trażmissjoni tal-IES (dikjarazzjoni ekonomika sistematika) tista' titqies li hija rilevanti u utli għall-implementazzjoni adegwata u effettiva tar-Regolament (UE) 2019/1150?

(<sup>1</sup>) ĠU 2019, L 186, p. 57.

**Talba għal-deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio  
(l-Italja) fil-21 ta' Ottubru 2022 – Google Ireland Limited vs Autorità per le Garanzie nelle Comunicazioni**

**(Kawża C-664/22)**

(2023/C 63/20)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio